**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**B9-0175/2024 }**
**B9-0177/2024 }**
**B9-0185/2024 }**
**B9-0188/2024 }**
**B9-0193/2024 } RC1**

13.3.2024

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skont l-Artikolu 144(5) u l-Artikolu 132(4) tar-Regoli ta' Proċedura

li tissostitwixxi l-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni li ġejjin:
B9-0175/2024 (Verts/ALE)
B9-0177/2024 (Renew)
B9-0185/2024 (S&D)
B9-0188/2024 (ECR)
B9-0193/2024 (PPE)

dwar l-ambjent repressiv fl-Afganistan, inklużi l-eżekuzzjonijiet pubbliċi u l-vjolenza kontra n-nisa
(2024/2617(RSP))

**Željana Zovko, Michael Gahler, Lukas Mandl, David McAllister, Tomáš Zdechovský, Vladimír Bilčík, Vangelis Meimarakis, Michaela Šojdrová, Leopoldo López Gil, Ivan Štefanec, Peter Pollák, Inese Vaidere**
f'isem il-Grupp PPE
**Pedro Marques, Isabel Santos**
f'isem il-Grupp S&D
**Petras Auštrevičius, Fabio Massimo Castaldo, Olivier Chastel, Bernard**

**Guetta, Svenja Hahn, Karin Karlsbro, Michael Kauch, Moritz Körner, Ilhan Kyuchyuk, Nathalie Loiseau, Javier Nart, Jan-Christoph Oetjen, Urmas Paet, Frédérique Ries, María Soraya Rodríguez Ramos, Ramona Strugariu, Dragoş Tudorache, Hilde Vautmans**
f'isem il-Grupp Renew
**Tineke Strik, Hannah Neumann**
f'isem il-Grupp Verts/ALE
**Anna Fotyga, Karol Karski, Angel Dzhambazki, Ryszard Czarnecki, Veronika Vrecionová, Assita Kanko, Anna Zalewska, Adam Bielan, Dominik Tarczyński, Waldemar Tomaszewski, Bogdan Rzońca, Witold Jan Waszczykowski, Elżbieta Rafalska, Lars Patrick Berg, Beata Kempa, Elżbieta Kruk**
f'isem il-Grupp ECR

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-ambjent repressiv fl-Afganistan, inklużi l-eżekuzzjonijiet pubbliċi u l-vjolenza kontra n-nisa (2024/2617(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Afganistan,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 144(5) u 132(4) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

A. billi minn meta ħadu f’idejhom il-pajjiż it-Talibani żarmaw is-sistema ġudizzjarja, ordnaw lill-imħallfin jimplimentaw bis-sħiħ ix-Xarija u reġgħu bdew l-eżekuzzjonijiet pubbliċi u l-pieni krudili bħas-swat bil-frosta u t-tħaġġir; billi minn dak iż-żmien ’l hawn saru ħames eżekuzzjonijiet pubbliċi li għalihom attendew eluf ta’ persuni;

B. billi t-Talibani virtwalment neħħew lin-nisa u l-bniet mill-ħajja pubblika; billi r-restrizzjonijiet fuq id-drittijiet tagħhom jinkludu l-projbizzjoni tal-aċċess tagħhom għax-xogħol, l-ivvjaġġar u l-kura tas-saħħa mingħajr qarib maskili, il-projbizzjoni tal-edukazzjoni wara s-sitt grad, iċ-ċaħda tal-aċċess għal postijiet pubbliċi u l-isport, l-infurzar vjolenti ta’ kodiċi strett tal-ilbies u ż-żarmar tas-sistema ta’ appoġġ għall-vittmi tal-vjolenza;

C. billi l-minoranzi, bħall-Ħażara u t-Taġikin, qed iħabbtu wiċċhom ma’ repressjoni u diskriminazzjoni dejjem akbar;

1. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar il-kriżijiet umanitarji u tad-drittijiet tal-bniedem fl-Afganistan minn mindu t-Talibani ħadu l-kontroll; ifakkar fl-obbligi internazzjonali tal-Afganistan rigward id-drittijiet tal-bniedem; itenni l-impenn sod tiegħu lejn il-poplu Afgan u li jiddefendi d-drittijiet u l-libertajiet li dan kiseb f’dawn l-aħħar 20 sena;

2. Jikkundanna l-interpretazzjoni u l-infurzar radikali tax-Xarija mit-Talibani kif ukoll it-tentattiv biex in-nisa u l-bniet jitneħħew mill-ħajja pubblika, li jikkostitwixxi persekuzzjoni tal-ġeneru u apartheid tal-ġeneru; jitlob li l-parteċipazzjoni sħiħa, ugwali u sinifikattiva tan-nisa u l-bniet fil-ħajja pubblika tiġi restawrata minnufih, b’mod partikolari l-aċċess tagħhom għall-edukazzjoni u x-xogħol; ifaħħar il-kuraġġ tan-nisa tal-Afganistan u jinsab f’solidarjetà magħhom;

3. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Afgani *de facto* jabolixxu l-piena kapitali u jwaqqfu minnufih l-eżekuzzjonijiet pubbliċi, pieni krudili jew inumani oħra u d-diskriminazzjoni tagħhom kontra n-nisa u l-bniet u l-persekuzzjoni barbara ta’ dawn, u b’mod partikolari tal-minoranzi LGBTIQ+, etniċi u reliġjużi;

4. Jikkundanna d-detenzjoni arbitrarja tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi Manizha Seddiqi, Ahmad Fahim Azimi, Sediqullah Afghan, Fardin Fedayee u Ezatullah Zwab; jitlob li jinħelsu minnufih u bla kundizzjonijiet;

5. Jinsisti li jinżamm impenn strettament kundizzjonali mat-Taliban abbażi tal-ħames

parametri referenzjarji stabbiliti mill-Kunsill u mir-rakkomandazzjonijiet tar-Rapporteur Speċjali tan-NU;

6. Jappoġġja t-talbiet tas-soċjetà ċivili Afgana biex l-awtoritajiet *de facto* jinżammu responsabbli għar-reati tagħhom, b'mod partikolari permezz tal-investigazzjoni tal-Qorti Kriminali Internazzjonali, billi jiġi stabbilit Mekkaniżmu ta' Investigazzjoni Indipendenti tan-NU u jiġu estiżi l-miżuri restrittivi tal-UE;

7. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri jżidu l-għajnuna umanitarja u l-finanzjament biex jappoġġjaw il-ħtiġijiet u l-għajxien bażiċi u s-soċjetà ċivili Afgana; iħeġġeġ lill-Istati Membri joħorġu viżi umanitarji lin-nisa u lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem ippersegwitati u jtemmu l-evakwazzjoni tal-persunal Afgan lokali li tħalla jibqa' lura;

8. Jistieden lill-komunità internazzjonali u, b'mod partikolari, lill-atturi reġjonali biex iżommu pressjoni fuq l-awtoritajiet Afgani *de facto*; jenfasizza li r-ritorn furzat tal-Afgani jpoġġihom f'riskju;

9. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Istati Membri, lin-NU u lill-awtoritajiet Afgani *de facto*.